# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 6.6

**Kap 6: Min jifforma l-katina ta' ħajti**

**Lezzjoni 6.6: Tgħid xejn fuqi**




**Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu li Ġesù kien iħobb anke li dawk jaqblu miegħu.
2. Jisimgħu l-istorja tal-Adultera u jagħrfu kif Ġesù ttrata ma' din il-mara.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- kanzunetta – Jesus loves me
- 'powerpoint' – L-Istorja tal-Mara midinba
- Il-Karta ta' Taħriġ 6.6



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Semma' l-kanzunetta *Jesus loves me* lill-istudenti.
- Staqsi lill-istudenti kif nafu li Ġesu' jħobbna. (miet għalina biex isalvana, jaħfirlna dnubietna, eċċ).
- Ara jekk jafux b'xi nies fil-Bibbja li kienu qed jgħixu ħajja ħażina u Ġes ħafrilhom. (ngħidu aħna Żakkew, Mattew eċċ).



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Uri lill-istudenti 'powerpoint' bl-istorja tal-Adultera. (Il-Mara l-Midinba)
2. Spjega lill-istudenti li Ġesù ħafer lill-mara l-adultera u spjega għalfejn aħna m'għandniex niġġudikaw.
3. Għid lill-istudenti li aħna kollha nagħmlu d-dnubiet u għalhekk ħadd ma jista' jiġġuduka lill-oħrajn.
4. Staqsi lit-tfal x'għandna nagħmlu aħna biex Ġesù jaħfirlna. (spjega xi trid tagħmel qabel u wara li tmur tqerr).
5. Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.6 u spjega s-silta mogħtija.
6. Spjega Attività 1 u fuq bazi ta' klassi l-istudenti jimlew il-vojt dwar l-istorja tal-mara l-midinba.
7. Spjega Attività 2 fejn fiha l-istudenti jridu jpinġu l-istampa tal-mara l-midinba u jkomplu s-sentenza bil-kelma ' tidnibx'.
8. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ l-importanza li qatt m'għandna nippuntaw lejn l-oħrajn. Dejjem għandna niftakru li aħna għandna u nagħmlu żbalji wkoll.
9. Agħlaq il-lezzjoni bil-kanzunetta mogħtija u bit-talb tagħhom.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù kien iħobb anki lil dawk li ma kinux jaqblu miegħu.
2. Ġesù ħafer lill-mara l-midinba (l-adultera) u lilna wkoll jaħfrilna fis-sagrament tal-qrar.
3. Ġesù jgħallimna li aħna m'għandniex niġġudikaw u għandna nistmaw lil kulħadd indaqs.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jistmerru li jiġġudikaw għax huma ma jixitqux min jiġġudikahom u lanqas hu sabiħ li jiġġudikaw lil xulxin.

It-tfal japprezzaw lil xulxin u juru li jagħrfu jistmaw lil xulxin indaqs.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanzunetta – Jesus loves me

http://www.youtube.com/watch?v=KBALcN701NU



**Nitolbu**

O Ġesù, nitolbok biex jien qatt ma niġġudika lill-oħrajn.

Nitolbok biex jien dejjem nistma lil kulħadd indaqs.

